DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2414

tas-17 ta' Diċembru 2015

dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenza tal-istandard EN 521:2006 "Speċifikazzjonijiet għal tagħmir għal applikazzjonijiet ta' gass minn żejt apposta mhux raffinat likwefatt — Applikazzjonijiet li jistgħu jinġarru li jaħdmu bi pressjoni ta' fwar ta' gass minn żejt mhux raffinat likwefatt" skont id-Direttiva 2009/142/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2015) 9145)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/142/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 rigward tagħmir li juża l-gass ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/142/KE tippovdi illi t-tagħmir tal-gass jista' jitqiegħed fis-suq u jibda jopera biss jekk, meta jintuża b'mod normali, ma jikkompromettix is-sigurtà ta' persuni, annimali domestiċi u proprjetà.

(2) It-tagħmir għandu jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/142/KE. Dawn jitqiesu li jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti, jekk jikkonformaw mal-istandards nazzjonali applikabbli għalihom li jimplimentaw l-istandards armonizzati, li n-numri ta' referenza tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(3) Fit-28 ta' Diċembru 2005, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) adotta l-istandard armonizzat EN 521:2006 "Speċifikazzjonijiet għal tagħmir għal applikazzjonijiet ta' gass minn żejt apposta mhux raffinat likwefatt — Applikazzjonijiet li jistgħu jinġarru li jaħdmu bi pressjoni ta' fwar ta' gass minn żejt mhux raffinat likwefatt". In-numru ta' referenza tal-istandard ġie ppubblikat sussegwentement f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

(4) Fit-30 ta' Ġunju 2014, in-Netherlands nedew oġġezzjoni formali skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2009/142/KE fir-rigward tal-istandard armonizzat EN 521:2006. L-oġġezzjoni formali kienet bbażata fuq il-valutazzjoni li l-istandard ma jissodisfax għal kollox ir-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2009/142/KE.

(5) Skont in-Netherlands, wara sensiela ta' aċċidenti li jinvolvu l-kukers tal-gass ċatti portabbli (disinn orizzontali) u s-sorveljanza sussegwenti tas-suq tal-prodotti kkonċernati, jidher li dawk il-prodotti, meta jintużaw b'mod normali, jippreżentaw riskju għall-utenti. B'mod aktar partikolari, meta ntużaw il-kukers tal-gass ċatti bi grilja jew dixx b'dijametru ta' aktar minn 180 mm, it-temperatura tal-iskartoċċ tal-gass kienet ħafna ogħla mill-50 °C previsti mill-istandard EN 521:2006, b'riskju ta' nar jew splużjoni tal-iskartoċċ. In-Netherlands nnutaw li t-testijiet stipulati f'EN 521: 2006 ma jkoprux b'mod adegwat ir-riskji ta' kukers portabbli bħal dawn jew ta' tagħmir tal-gass simili billi tagħmir bħal dan mhuwiex sikur meta jintuża ma' dixxijiet kbar u li għalhekk l-istandard EN 521:2006 ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali tal-punti 1.1 u 3.1.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/142/KE.

([1]) ĠU L 330, 16.12.2009, p. 10.
([2]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
([3]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2009/142/KE rigward tagħmir li juża l-gass (verżjoni kodifikata) (ĠU C 349, 22.12.2010, p. 6).

(6) Il-kukers tal-gass ċatti portabbli huwa tagħmir li juża l-gass għat-tisjir u huma koperti mid-Direttiva 2009/142/KE. Huma jirrappreżentaw, flimkien mal-kukers vertikali tal-gass, iż-żewġ tipi bażiċi ta' disinn ta' kukers portabbli tal-gass direttament konnessi mal-iskratać tal-gass. Għall-kuntrarju tal-kukers tal-gass vertikali, li jikkonsistu f'assemblaġġ ta' berners immuntat fuq in-naħa ta' fuq ta' skartoċċ tal-gass jew ta' kompartiment ta' tali skartoċċ, il-kukers tal-gass ċatti jikkonsistu f'assemblaġġ ta' berners immuntati fuq kaxxa orizzontali li fiha kumpartiment integrat għall-iskartoċċ tal-gass ħdejn il-berner. Il-kukers tal-gass ċatti portabbli jidhru li jirrappreżentaw parti dejjem tikber fis-suq tal-kukers portabbli tal-gass li huma prodotti għall-konsumatur u l-aktar li jintużaw għal attivitajiet ta' divertiment tal-familji.

(7) Skont id-Direttiva 2009/142/KE, it-tagħmir irid jiġi ddisinjat u mibni b'tali mod li jopera b'mod sikur u ma jippreżenta ebda periklu meta jintuża b'mod normali. Barra minn hekk, ma għandu jkun hemm ebda instabbilità, tgħawwiġ, ksur jew tkagħbir li aktarx li jxekkel is-sikurezza tiegħu. Fl-aħħar nett partijiet ta' tagħmir li huma maħsuba biex jitqiegħdu qrib l-art jew xi wċuh oħra ma jridux jilħqu temperaturi li jkunu ta' periklu fiż-żona tal-madwar.

(8) L-istandard EN 521:2006 ikopri varjetà kbira ta' tagħmir li jinġarr li jaħraq gassijiet tal-petroleum likwefatti bi pressjoni tal-fwar u mfassal biex jintuża ma' skratać li ma jistgħux jerġgħu jimtlew, bħala tagħmir tat-tisjir, taddawl u li jsaħħan. Eżempji ta' tagħmir tat-tisjir koperti mill-istandard huma hotplates, grills u xi tipi ta' barbikjus bl-eċċezzjoni ta' barbikjus li jistgħu jintużaw fuq ġewwa. L-istandard EN 521:2006 fih klawżoli dettaljati u disinji dwar l-ispeċifikazzjonijiet ta' kostruzzjoni u rendiment marbuta mas-sikurezza u l-użu razzjonali tal-enerġija ta' tagħmir portabbli kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, inklużi metodi ta' ttestjar u rekwiżiti ta' informazzjoni.

(9) L-istandard EN 521:2006 jipprovdi f'diversi klawżoli li t-testijiet biex jiġu vverifikati l-istabbiltà, it-temperatura, eċċ., iridu jsiru b'kontenitur b'dijametru ta' 180 mm, għalkemm fit-Tabella A.1 (Karatteristiċi ta' dixxijiet meħtieġa għall-ittestjar) tal-Anness A tiegħu, huwa jirreferi għal dimensjonijiet ta' dixx minn 120 mm sa 340 mm. Barra minn hekk, l-istruzzjonijiet u l-avviżi ta' twissija li jridu jiġu pprovduti mat-tagħmir ma fihom l-ebda indikazzjoni li tiġbed l-attenzjoni tal-utent lejn il-fatt li jistgħu jintużaw biss dixxijiet b'dijametru massimu ta' 180 mm.

(10) L-istandard EN 521:2006 normalment jintuża bħala standard ta' referenza biex tiġi verifikata l-konformità tal-kukers tal-gass ċatti portabbli mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2009/142/KE. Madankollu, l-istandard EN 521:2006 ma fih ebda klawżola li tirriferixxi għar-riskji marbuta mal-użu ta' dixxijiet b'dijametru akbar minn 180 mm għal kukers tal-gass ċatti. Ma jipprovdix għal ebda twissija lill-utenti kontra l-użu ta' dixxijiet akbar. Barra minn hekk, ma fih l-ebda rekwiżit ta' disinn (speċifikazzjoni teknika) li jkun fattibbli meta wieħed iqis l-istat l-aktar avvanzat tat-tagħmir, biex b'hekk ma jibqax prattiku l-użu ta' dixxijiet akbar minn dawk li jiggarantixxu s-sikurezza waqt l-użu. Għaldaqstant, il-kukers tal-gass ċatti portabbli fis-suq ma jintegrawx fihom soluzzjoni ta' disinn biex jiġu evitati r-riskji mill-użu ta' dixxijiet akbar minn 180 mm u ma fihom ebda twissija jew informazzjoni ta' ebda tip. Madankollu, għal dik li hija temperatura, l-iskratać tal-gass tal-kukers tal-gass ċatti huma aktar sensittivi għall-użu ta' dixxijiet kbar mill-iskratać tal-gass tal-kukers tal-gass vertikali li dwarhom ma ġew irrappurtati ebda aċċidenti jew affarijiet oħra.

(11) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe twissija jew speċifikazzjoni ta' disinn li jillimitaw il-possibbiltà li jintużaw dixxijiet akbar minn 180 mm f'kukers tal-gass ċatti portabbli, huwa raġonevoli li wieħed jistenna li meta jippreparaw l-ikel għall-familji tagħhom il-konsumaturi jużuaw dixxijiet akbar. L-aġir tagħhom għandu jitqies bħala raġonevolment prevedibbli u għalhekk bħala "*użu normali*" fit-tifsira tad-Direttiva 2009/142/KE. Xi manifatturi, fuq inizjattiva tagħhom stess, diġà jieħdu in konsiderazzjoni dan l-aġir u jehmżu mat-tagħmir twissija għall-utent kontra l-użu ta' dixxijiet akbar minn 180 mm.

(12) Jidher mill-kontenut tal-istandard EN 521: 2006 li huwa ma jiħux in konsiderazzjoni l-ispeċifiċitajiet tal-kukers tal-gass ċatti portabbli. Fih biss disinji u testijiet li jikkonċernaw kukers tal-gass vertikali. Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien li tfassal, peress li dan it-tip ta' kukers tal-gass portabbli ma kienx għadu ġie introdott fis-suq. Jirriżulta għalhekk, li l-EN 521:2006 għandu l-għan li jkopri l-kukers tal-gass vertikali biss u mhux id-disinji ċatti li huma milquta mill-oġġezzjoni formali mnedija min-Netherlands. Madankollu, dan mhux rifless la fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u lanqas f'ebda waħda mill-klawżoli tiegħu. Dan joħloq ir-riskju ta' konfużjoni fost il-manifatturi, il-korpi notifikati u partijiet kkonċernati oħra rigward il-kamp ta' applikazzjoni ta' EN 521:2006.

(13) Fuq il-bażi tal-EN 521: 2006 kif ukoll mit-tagħrif sottomess min-Netherlands u l-Istati Membri l-oħra, mis-CEN u mill-industrija, u wara li kkonsultat il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tagħmir tal-Gass, hemm qbil wiesa' li, fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni f'EN 521: 2006, li tindirizza l-ispeċifiċitajiet tal-kukers tal-gass ċatti portabbli u r-riskji relatati, l-istandard ma jissodisfax ir-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2009/142/KE fir-rigward ta' dan it-tip ta' tagħmir. Il-manifatturi tal-kukers tal-gass ċatti portabbli għandhom għalhekk jiżguraw li t-tagħmir tagħhom

ikun konformi mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2009/142/KE b'mezzi oħra, suġġett għal verifika matul il-valutazzjoni tal-konformità. Iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE għal tali tagħmir li jkunu diġà nħarġu abbażi ta' preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2009/142/KE għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid sabiex jiġi vverifikat jekk it-tagħmir inkwistjoni jikkonformax mar-rekwiżiti essenzjali ta' din id-Direttiva.

(14) In-numru ta' referenza EN 521: 2006 għandu jkompli jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, peress li ma tqajmu l-ebda kwistonijiet li jikkonċernaw il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2009/142/KE fir-rigward tat-tagħmir kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Madankollu, sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali fir-rigward tal-firxa tal-kamp ta' applikazzjoni ta' EN 521: 2006 u għalhekk l-firxa tal-preżunzjoni tal-konformità, il-pubblikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn twissija li tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-EN 521: 2006 ma jkoprix kukers tal-gass ċatti portabbli.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN 521:2006 "Speċifikazzjonijiet għal tagħmir għal applikazzjonijiet ta' gass minn żejt apposta mhux raffinat likwefatt — Applikazzjonijiet li jistgħu jinġarru li jaħdmu bi pressjoni ta' fwar ta' gass minn żejt mhux raffinat likwefatt" m'għandhiex tiġi rtirata minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-pubblikazzjoni tan-numru ta' referenza ta' EN 521:2006 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandha tkun akkumpanjata minn twissija kif stabbilit fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Elzbieta BIEŃKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni

ESO (1)	Referenza u titlu tal-istandard armonizzat (u d-dokument ta' referenza)	Referenza tal-istandard sostitwit	Id-data tat-tmiem tal-preżunzjoni tal-konformità tal-istandard sostitwit Nota 1
CEN	EN 521: 2006 Speċifikazzjonijiet għal tagħmir għal applikazzjonijiet ta' gass minn żejt apposta mhux raffinat likwefatt — Applikazzjonijiet li jistgħu jinġarru li jaħdmu bi pressjoni ta' fwar ta' gass minn żejt mhux raffinat likwefatt	EN 521:1998 Nota 2.1	Data ta' skadenza (30.11.2009)

Twissija (2): Din il-pubblikazzjoni ma tkoprix kukers tal-gass ċatti portabbli (3).

(1) ESO: L-Organizzazzjoni Ewropea għall-istandardizzazzjoni:
— CEN: Avenue Marnix 17, B-1000, Brussell, Tel.+32 2 5500811; faks + 32 2 5500819 (http://www.cen.eu)

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2414 tas-17 ta' Diċembru 2015 dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenza tal-istandard armonizzat EN:521 2006 "Speċifikazzjonijiet għal tagħmir għal applikazzjonijiet ta' gass minn żejt apposta mhux raffinat likwefatt — Applikazzjonijiet li jistgħu jinġarru li jaħdmu bi pressjoni ta' fwar ta' gass minn żejt mhux raffinat likwefatt" f'konformità mad-Direttiva 2009/142/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 333, 19.12.2015, p. 120).

(3) Il-kukers tal-gass ċatti jikkonsistu f'assemblaġġ ta' berners immuntati fuq kaxxa orizzontali li fiha kumpartiment integrat għall-iskartoċċ tal-gass ħdejn il-berner.

Nota 1: Ġeneralment, id-data ta' tmiem il-preżunzjoni tal-konformità tkun id-data tal-irtirar ("date of withdrawal: dow"), stipulata mill-Organizzazzjoni Ewropea għall-Istandardizzazzjoni, iżda tinġibed l-attenzjoni tal-utenti ta' dawn l-istandards għall-fatt li dan jista' jkun mod ieħor f'ċerti każi eċċezzjonali.

Nota 2.1: L-istandard il-ġdid (jew emendat) għandu l-istess kamp ta' applikazzjoni bħall-istandard mibdul. Fid-data msemmija, l-istandard mibdul ma jikkonċedix aktar il-preżunzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-direttiva.